# IS-SERQA SAGRILEGA TA' BIRMIFTUĦ FL-1663

Il-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ kienet minn dejjem knisja importanti fid-djoċesi ta' Malta. Ħarsa ħafifa fir-rapporti tal-visti pastorali ta' l-Isqfijiet li żaruha nsibu kliem ta' tifħir u ta' apprezzament għal din il-knisja.

F'diversi mappi antiki Maltini insibu wkoll imħażżeż ir-raħal ta' Birmiftuħ iżda bħala raħal, Birmiftuħ qatt ma kiber u żviluppa bħal ma ġralhom irħula oħra.

Minħabba l-biża' ta' l-attakki tal-furbani, in-nies kienet aktar daħlet tgħammar il-ġewwa lejn in-naħat magħrufa bħala "l-Gudja".

Għalhekk fl-1656 in-nies li kienu jgħammru fil-Gudja għamlu talba lill-Isqof Balaguer, biex filwaqt il-Parroċċa tibqa' l-knisja ta' Birmiftuħ, huma jibnu knisja fil-Gudja.

Fit-talba tagħhom għall-bini tal-knisja in-nies ġabu bosta raġunijiet validi u fosthom kien hemm ir-raġuni tas-serq li kien qed jiġri spiss minn Birmiftuħ.

In-nies irrappurtaw li f'perijodu ta' 35 sena l-knisja ġiet misruqa ħames darbiet.

Barra dawn is-serqiet kemm-il darba ġies misruqa l-kaxxa ta' l-offerti u l-paramenti ta' l-artali.

Kien hemm uykoll żewġ każi oħra koroh li semmew in-nies tal-Gudja fit-talba tagħhom.

Darba minnhom il-ħalliel jew il-ħallelin daħlu fid-dalma tal-lejl fid-dar tal-kappillan u serquh. Middehra din is-serqa ħadmet ħafna fuq saħħtu għax dan miet ftit wara.

Il-każ l-ieħor kien meta s-sagristan kien rieqed qrib il-knisja u wara li sema' xi ħsejjes ħareġ biex jinvestiga u hemm sparawlu u mmankawh għal għomru.

Imma nistgħu ngħidu li l-aktar serqa deplorevoli saret matul il-lejl tas-26 ta' Jannar 1663, jiġifieri tlett mija u sitta u għoxrin sena ilu. Kienet serqa li ħasdet lil Malta kollha. Kienu serqu ostji kkonsagrati mit-tabernaklu tal-knisja ta' Birmiftuħ. Xi ħalliel jew ħallelin kienu daħlu f'din il-knisja u serqu diversi affarijiet fosthom pissidi bil-partikoli


706

Il-volum tal-proċessi tal-inkwiżitur fejn tidher ix-xhieda dwar is-serqa ta' Birmiftuħ

kkonsagrati. Għalkemm nieqsa minn mezzi ta' kommunikazzjoni, l-aħbar xterdet ma' Malta kollha. Il-Gran Mastru Cottoner u l-Isqof Balaguer ħarġu SCOMUNICA MAGGIORE lil min wettaq dan is-sagrileġġ.

Kif kienet il-proċedura f'dawk iż-żminijiet, il-każ tressaq quddiem it-Tribunali ta' l-Inkwiżizzjoni u sar proċess regolari.

Xehdu diversi nies fosthom il-kappillan Dun Ġużepp Gatt, il-viċi tiegħu Dun Ġużepp Callejja u s-sagristan Duminku Borg. Nafu li l-ġurnata kienet il-Ħamis u l-ħalliel jew ħallelin daħlu mill-bieb tal-knisja li dan instab sgassat mis-sagristan. Dan qal li wara li daqq il-Pater Noster, mar biex bħas-soltu jiftaħ il-knisja u osserva li l-bieb kien sfurzat u miftuħ. Meta resaq lejn it-tabernaklu nduna wkoll li dan kien miftuħ u kien vojt u dlonk intebaħ li xi ħadd kien seraq il-pissidi.

Il-kappillan, fix-xhieda tiegħu qal li fit-tabernaklu kien hemm sittax-il partikola kkonsagrata.

Dan il-każ ta' serq aktar ikkumplika ruħu meta fil-bidu ta' Frar, il-pissidi, vojt mingħajr ostji, kien instab fil-knisja ta' San Ġakbu l-Belt, iżda l-ħallelin baqgħu qatt ma nqabdu.

F'Malta ta' l-1663, dan is-serq kien qajjem ħafna biża' u spekulazzjonijiet iżda l-misteru ta' min wettaq dan is-sagrileġġ baqa' hemm.

Dan il-każ kompla jsaħħaħ ir-rieda tan-nies tal-Gudja biex jibnu knisja ġdida fil-qalba tar-raħal kif fil-fatt għamlu ftit snin wara.

*TONY TERRIBLE*

